II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/406

tal-5 ta' Marzu 2021

li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd proviżorji għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jitlob li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, fejn ikunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u minn korpi konsultattivi oħra, kif ukoll kwalunkwe parir li jasal mingħand il-kunsilli konsultattivi.

(2) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kondizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif ikun xieraq. Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l- opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu ffissati f'konformità mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. Għall-istokkijiet li huma soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, it-TACs jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet. Skont l-Artikolu 16(1) ta' dak ir-Regolament, l-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istati Membri jridu jiżguraw li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk tal-ħut jew tip ta' sajd.

(3) Għalhekk jenħtieġ li tiġi stabbilita l-qabda totali permissibbli (TAC), f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, partikolarment fil-laqgħat tal-kunsilli konsultattivi.

(4) Minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, għadd kbir ta' stokkijiet saru stokkijiet kondiviżi. Il-Kummissjoni ser twettaq konsultazzjonijiet bilaterali mar-Renju Unit, konsultazzjonijiet bilaterali man-Norveġja u konsultazzjonijiet trilaterali mar-Renju Unit u man-Norveġja abbażi tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Unjoni li għandu jiġi approvat mill-Kunsill. Peress li dawk il-konsultazzjonijiet għadhom ma ġewx konklużi, jenħtieġ li l-Kunsill, b'mod li jirrispetta bis-sħiħ il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u d-drittijiet u l-obbligi tal-istati kostali, kif ukoll is-sovranità u l-ġuriżdizzjoni tagħhom, jistabbilixxi TACs proviżorji li jistgħu jiġu mistada fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali u fl-ilmijiet li għalihom il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jingħataw aċċess minn pajjiżi terzi.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(5) Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu stabbiliti TACs proviżorji għall-istokkijiet kondiviżi ma' pajjiżi terzi sakemm dawk il-konsultazzjonijiet jiġu konklużi f'konformità mal-qafas legali tal-Unjoni u l-obbligi internazzjonali jew, jekk dawn ma jkunux jistgħu jiġu konklużi b'suċċess, sakemm il-Kunsill jistabbilixxi TACs unilaterali tal-Unjoni fl-2021.

(6) It-TACs proviżorji stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2021/91 ([2]) u (UE) 2021/92 ([3]), li jirriflettu l-qbil politiku milħuq fil-Kunsill, għandhom l-għan li jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli tal-Unjoni. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd proviżorji ma għandhom fl-ebda ċirkostanza jostakolaw l-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd definittivi f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali u l-eżitu tal-konsultazzjonijiet, il-qafas legali tal-Unjoni u l-parir xjentifiku. Bħala approċċ ġenerali, jenħtieġ li dawn jikkorrispondu għal 25 % tas-sehem tal-Unjoni tal-opportunitajiet tas-sajd iffissati għall-2020. Madankollu, f'għadd limitat ħafna ta' każijiet jenħtieġ li jintuża perċentwal ieħor fejn l-istokkijiet jiġu mistada fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-bidu tas-sena. Dan l-approċċ huwa mingħajr preġudizzju għall-ishma tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit ([4]) ('Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni'), li ser jintużaw biex jiġu stabbiliti TACs definittivi.

(7) Il-lista tal-istokkijiet li għalihom jenħtieġ li japplika perċentwal ogħla minn 25 %, jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-analiżi tal-użu tal-kwota fl-ewwel trimestru tal-aħħar tliet snin (2018-2020) mill-Istati Membri li talbu TAC proviżorja ogħla. It-TACs proviżorji jenħtieġ li ma jaqbżux it-TACs definittivi potenzjali li, mingħajr preġudizzju għall-konsultazzjonijiet li ġejjin mal-pajjiżi terzi, ġew ivvalutati f'konformità mal-parir xjentifiku u filwaqt li jitqiesu l-ishma tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni. Dawk iż-żidiet fit-TACs proviżorji huma f'konformità mal-parir tal-ICES, mal-qafas legali applikabbli tal-Unjoni, kif ukoll mal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni. Huma ser jippermettu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jużaw l-opportunitajiet tas-sajd li huma intitolati għalihom u li altrimenti kienu jkunu mċaħħda minnhom minħabba l-istaġjonalità tas-sajd tal-istokkijiet ikkonċernati.

(8) Id-data ta' kull xahar dwar il-qbid għal dawn l-aħħar snin, kif irrappurtata lill-Kummissjoni, tindika li xi stokkijiet oħra pelaġiċi u demersali jiġu mistada fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-bidu tas-sena. Għaldaqstant, abbażi ta' dik id-data dwar il-qbid u f'konformità mal-parir xjentifiku, jenħtieġ li jiġi stabbilit perċentwal ogħla relattiv għas-sehem tal-Unjoni tal-opportunitajiet tas-sajd iffissati għall-2021 għat-TACs korrispondenti, mingħajr preġudizzju għal approċċ li jista' jittieħed fi kwalunkwe ftehim u/jew konsultazzjoni futuri.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 jiġu emendati skont dan.

(10) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jdaħħal dan ir-Regolament marbutin mal-limiti tal-qbid jiddaħħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun u japplikaw b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2021. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu u għadhom ma ġewx eżawriti. Għal raġunijiet ta' urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91

L-Anness tar-Regolament (UE) 2021/91 huwa emendat f'konformità mal-Parti A tal-Anness għal dan ir-Regolament.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91 tat-28 ta' Jannar 2021 li jiffissa, għas-snin 2021 u 2022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 20).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

([4]) Il-Ftehim tal-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14).

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament (UE) 2021/92

Ir-Regolament (UE) 2021/92 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness IA huwa emendat skont il-Parti B tal-Anness għal dan ir-Regolament;

(2) L-Anness IB huwa emendat skont il-PartiC tal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

ANNESS

PARTI A

Fl-Anness għar-Regolament (UE) 2021/91 it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-fonsa ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	fonsa ħamra *Beryx* spp.		Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 (ALF/3X14-)
Sena	2021		TAC prekawzjonarja	
L-Irlanda	4	(1)	Japplika l-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament	
Spanja	29	(1)		
Franza	8	(1)		
Il-Portugall	82	(1)		
L-Unjoni	123	(1)		
Ir-Renju Unit	4	(1)		
TAC	127	(1)		
(1)	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota."			

PARTI B

L-Anness IA għar-Regolament (UE) 2021/92 huwa emendat kif ġej:

(1) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-minfaħ fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 6, 7 u 8 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Minfaħ *Caproidae*	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 6, 7 u 8 (BOR/678-)
Id-Danimarka	1 645	TAC prekawzjonarja	
L-Irlanda	4 632	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament"	
L-Unjoni	6 277		
Ir-Renju Unit	426		
TAC	6 703		

(2) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-petriċa fiż-żona 7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Petriċa *Lophiidae*		Żona:	7 (ANF/07.)
Il-Belġju	1 468	(1)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	164	(1)	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
Spanja	583	(1)	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
Franza	9 419	(1)		
L-Irlanda	1 204	(1)		
In-Netherlands	190	(1)		
L-Unjoni	13 028	(1)		
Ir-Renju Unit	2 857	(1)		

TAC	15 885
(1)	Kondizzjoni speċjali: li biha sa 10 % jistgħu jinqabdu fiż-żoni 8a, 8b, 8d u 8e (ANF/*8ABDE).”

(3) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-merlangu fiż-żoni 7b, 7c, 7d, 7e, 7f, 7 g, 7h, 7j u 7k hija sostitwita b’dan li ġej:

“Speċi:	Merlangu Merlangius merlangus	Żona:	7b, 7c, 7d, 7e, 7f, 7 g, 7h, 7j u 7k (WHG/7X7 A-C)
Il-Belġju	37	TAC analitika Japplika l-Artikolu 71) ta’ dan ir-Regolament”	
Franza	2 258		
L-Irlanda	1 629		
In-Netherlands	18		
L-Unjoni	3 942		
Ir-Renju Unit	404		
TAC	4 346		

(4) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 hija sostitwita b’dan li ġej:

“Speċi:	Stokkafixx Micromesistius poutassou		Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/1X14)
Id-Danimarka	34 892	(1)	TAC analitika Japplika l-Artikolu 8(2) ta’ dan ir-Regolament Japplika l-Artikolu 7(1) ta’ dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	13 566	(1)		
Spanja	29 581	(1)(2)		
Franza	24 282	(1)		
L-Irlanda	27 019	(1)		
In-Netherlands	42 546	(1)		
Il-Portugall	2 748	(1)(2)		
L-Iżvezja	8 631	(1)		
L-Unjoni	183 265	(1)(3)		
In-Norveġja	69 930			
Il-Gżejjer Faeroe	7 000			
Ir-Renju Unit	45 274	(1)		

TAC	Mhux rilevanti
(1)	Kondizzjoni speċjali: fil-limitu ta’ kwantità totali tal-aċċess ta’ 24 375 tunnellata għall-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jaqbdu mhux iżjed mill-perċentwal li ġej tal-kwoti tagħhom fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (WHB/*05-F.): 14,3 %.

(2)	Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa minn qabel bit-tali trasferimenti.
(3)	Kondizzjoni speċjali: mill-kwoti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/*NZJM1) u fiż-żoni 8c, 9 u 10; fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/*NZJM2), tista' tinqabad il-kwantità li ġejja fiż-Żona Ekonomika Norveġiża jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen: 133 566"

(5) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkafixx fiż-żoni 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	Żona:	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/8C3411)
Spanja	25 065	TAC analitika	
Il-Portugall	6 266	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Unjoni	31 331 (1)	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	

TAC	Mhux rilevanti
(1)	Kondizzjoni speċjali: mill-kwoti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/*NZJM1) u fiż-żoni 8c, 9 u 10; fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/*NZJM2), tista' tinqabad il-kwantità li ġejja fiż-Żona Ekonomika Norveġiża jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen: 133 566"

(6) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2, 4a, 5 u 6 fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N u 7 fil-Punent ta' 12° W hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Stokkafixx Micromesistius poutassou	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2, 4a, 5 u 6 fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N u 7 fil-Punent ta' 12° W (WHB/24A567)
In-Norveġja	133 566 (1)(2)	TAC analitika	
Il-Gżejjer Faeroe	26 250 (3)(4)	Japplika l-Artikolu 8) ta' dan ir-Regolament Japplika l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament	

TAC	Mhux rilevanti
(1)	Jinqatgħu mil-kwota stabbilita min-Norveġja.
(2)	Kondizzjoni speċjali: il-qabda fiż-żona 4a ma għandhiex tkun iktar mill-ammont li ġej (WHB/*04 A-C): 28 000 Din ir-restrizzjoni tal-qabda fiż-żona 4a tammonta għall-perċentwal tal-limitu tal-aċċess tan-Norveġja: 18 %
(3)	Jinqatgħu mil-kwota stabbilita mill-Gżejjer Faeroe.
(4)	Kondizzjonijiet speċjali: jistgħu jinqabdu wkoll fiż-żona 6b (WHB/*06B-C). Il-qabda fiż-żona 4a ma għandhiex tkun iktar mill-ammont li ġej (WHB/*04 A-C): 6 563"

(7) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-iskampu fiż-żona 7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Skampu *Nephrops norvegicus*		Żona: 7 (NEP/07.)
Spanja	252	(1)	TAC analitika Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
Franza	1 022	(1)	
L-Irlanda	1 550	(1)	
L-Unjoni	2 824	(1)	
Ir-Renju Unit	1 379	(1)	
TAC	4 203	(1)	

(1) Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt f'din iż-żona:
L-Unità Funzjonali 16 tas-subżona 7 tal-ICES (NEP/*07U16):

Spanja	437
Franza	274
L-Irlanda	526
L-Unjoni	1 237
Ir-Renju Unit	213"

(8) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' fiż-żoni 7d u 7e hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Barbun tat-tbajja' Pleuronectes platessa	Żona: 7d u 7e (PLE/7DE.)
Il-Belġju	674	TAC analitika Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
Franza	2 247	
L-Unjoni	2 921	
Ir-Renju Unit	1 198	
TAC	4 119"	

(9) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għar-raja ondjata f'7d u 7e hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Raja ondjata *Raja undulata*		Żona: 7d u 7e (RJU/7DE.)
Il-Belġju	13	(1)	TAC prekawzjonarja Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
L-Estonja	0	(1)	
Franza	63	(1)	
Il-Ġermanja	0	(1)	
L-Irlanda	16	(1)	
Il-Litwanja	0	(1)	
In-Netherlands	0	(1)	
Il-Portugall	0	(1)	
Spanja	14	(1)	

L-Unjoni	106	(1)
Ir-Renju Unit	35	(1)
TAC	141	(1)

(1) Din l-ispeċi ma għandhiex tkun fil-mira fiż-żoni koperti minn din it-TAC. Din l-ispeċi tista' tinħatt l-art sħiħa jew imsewwija biss. Id-dispożizzjonijiet ta' qabel huma mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 20 u 57 ta' dan ir-Regolament għaż-żoni speċifikati fihom."

(10) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kavall fiż-żoni 3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3b, 3c u tas-suddiviżjonijiet 22-32 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Kavall Scomber scombrus		Żona:	3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3b, 3c u tas-suddiviżjonijiet 22-32 (MAC/2A34.)
Il-Belġju	407	(1)(2)	TAC analitika	
Id-Danimarka	13 999	(1)(2)	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	424	(1)(2)	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
Franza	1 281	(1)(2)		
In-Netherlands	1 289	(1)(2)		
L-Iżvezja	3 821	(1)(2)(3)		
L-Unjoni	21 221	(1)(2)		
In-Norveġja	133 741	(4)		
Ir-Renju Unit	1 194	(1)(2)		

TAC	Mhux rilevanti

(1) Fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, fiż-żewġ żoni li ġejjin ma jistgħux jinqabdu iktar mill-kwantitajiet imniżżlin hawn taħt:

	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 2a (MAC/*02AN-)	l-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (MAC/*FRO1)
Il-Belġju	55	56
Id-Danimarka	1 887	1 929
Il-Ġermanja	57	59
Franza	173	176
In-Netherlands	174	178
L-Iżvezja	515	527
L-Unjoni	2 860	2 925
Ir-Renju Unit	161	165

(2)	Din il-kwota tista' tinqabad ukoll fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 4a (MAC/*4AN.).
(3)	Kondizzjoni speċjali: inkluż dan it-tunnellaġġ li jrid jinqabad fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a (MAC/*2A4AN): 190 Meta jkun qed isir is-sajd skont din il-kondizzjoni speċjali, il-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju l-iswed iridu jingħaddu mal-kwoti ta' dawk l-ispeċijiet.
(4)	Dan l-ammont irid jitnaqqas mis-sehem tat-TAC (mill-kwota tal-aċċess) tan-Norveġja. Dan l-ammont jinkludi s-sehem Norveġiż li ġej fit-TAC tal-Baħar tat-Tramuntana: 38 778 Din il-kwota tista' tinqabad biss fiż-żona 4a (MAC/*04 A.), ħlief għall-ammont li ġej, mogħti f'tunnellati, li jista' jinqabad fiż-żona 3a (MAC/*03 A.): 2 100

Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu iktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt f'dawn iż-żoni:

	3a	3a u 4bc	4b	4c	iż-żona 6, l-ilmijiet internazzjonali taż-żona 2a, mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Frar u mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru
	(MAC/*03 A.)	(MAC/*3A4BC)	(MAC/*04B.)	(MAC/*04C.)	(MAC/*2A6.)
Id-Danimarka	0	2891	0	0	8399
Franza	0	343	0	0	0
In-Netherlands	0	343	0	0	0
L-Iżvezja	0	0	273	7	2179
Ir-Renju Unit	0	343	0	0	0
In-Norveġja	2100	0	0	0	0"

(11) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kavall fiż-żoni 6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 2a, 12 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Kavall Scomber scombrus		Żona:	6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 2a, 12 u 14 (MAC/2CX14-)
Il-Ġermanja	17 562	(1)	TAC analitika	
Spanja	19	(1)	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Estonja	146	(1)	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
Franza	11 709	(1)		
L-Irlanda	58 539	(1)		
Il-Latvja	108	(1)		
Il-Litwanja	108	(1)		
In-Netherlands	25 610	(1)		
Il-Polonja	1 237	(1)		
L-Unjoni	115 038	(1)		

In-Norveġja	12 369	(2)(3)
Il-Gżejjer Faeroe	26 142	(4)
Ir-Renju Unit	160 985	(1)

TAC	Mhux rilevanti
(1)	Kondizzjoni speċjali: li biha sa 25 % jistgħu jsiru disponibbli għal skambji li għandhom jinqabdu minn Spanja, Franza u l-Portugall fiż-żoni 8c, 9 u 10 u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF (MAC/*8C910).
(2)	Din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 2a, fiż-żona 6a fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N u fiż-żoni 4a, 7d, 7e, 7f u 7h (MAC/*AX7H).
(3)	L-ammont tal-limitu ta' aċċess indikat hawn taħt (MAC/*N5630), f'tunnellati, jista' jinqabad min-Norveġja fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N. L-ammonti mhux meqjusa taħt in-nota 2 ta' qiegħ il-paġna għandhom jinqatgħu mil-limitu ta' qbid stabbilit min-Norveġja. 28 659
(4)	Dan l-ammont għandu jitnaqqas mil-limitu ta' qbid (mill-kwota tal-aċċess) tal-Gżejjer Faeroe. Jista' jinqabad biss fiż-żona 6a fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N (MAC/*6AN56). Madankollu, mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Frar u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, din il-kwota tista' tinqabad ukoll fiż-żona 2a u fiż-żona 4a fit-Tramuntana ta' 59° (iż-żona tal-UE) (MAC/*24N59).

Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt f'dawn iż-żoni u l-perijodi:

	l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 2a; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4a. Matul il-perjodi mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Frar u mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru (MAC/*4 A-EN)	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 2a (MAC/*2AN-)	l-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (MAC/*FRO2)
Il-Ġermanja	10 599	1 428	1 461
Franza	7 067	951	974
L-Irlanda	35 330	4 762	4 871
In-Netherlands	15 457	2 082	2 131
L-Unjoni	68 453	9 223	9 437
Ir-Renju Unit	97 162	13 097	13 395"

(12) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kavall fiż-żoni 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Kavall *Scomber scombrus*		Żona:	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (MAC/8C3411)
Spanja	24 990	(1)	TAC analitika	
Franza	166	(1)	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Portugall	5 165	(1)	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
L-Unjoni	30 321			

TAC	Mhux rilevanti

(1)	Kondizzjoni speċjali: il-kwantitajiet li jistgħu jiġu skambjati ma' Stati Membri oħrajn jistgħu jinqabdu fiż-żoni 8a, 8b u 8d (MAC/*8ABD.). Madankollu, il-kwantitajiet li Spanja, il-Portugall u Franza jipprovdu għall-finijiet tal-iskambji u li jridu jinqabdu fiż-żoni 8a, 8b u 8d ma għandhomx jaqbżu l-25 % tal-kwoti tal-Istat Membru donatur.

Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt f'din iż-żona:

8b (MAC/*08B.)

Spanja	2 099
Franza	14
Il-Portugall	433"

(13) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-lingwata komuni fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi: Lingwata komuni Solea solea		Żona: l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4 (SOL/24-C.)
Il-Belġju	731	TAC analitika
Id-Danimarka	334	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament
Il-Ġermanja	585	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
Franza	146	
In-Netherlands	6 597	
L-Unjoni	8 393	
In-Norveġja	5 (1)	
Ir-Renju Unit	376	
TAC	8 774	

(1)	Din il-kwota tista' tinqabad biss fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4 (SOL/*04-C.)."

(14) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żoni 7b u 7c hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi: Lingwata komuni Solea solea		Żona: 7b u 7c (SOL/7BC.)
Franza	6	TAC prekawzjonarja"
L-Irlanda	28	
L-Unjoni	34	
TAC	34	

(15) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żona 7d hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi: Lingwata komuni Solea solea		Żona: 7d (SOL/07D.)
Il-Belġju	339	TAC prekawzjonarja
Franza	678	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament"

L-Unjoni	1 017
Ir-Renju Unit	242
TAC	1 259

(16) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 4a; 6, 7a-c,7e-k, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Sawrell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati *Trachurus* spp		Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 4a; 6, 7a-c,7e-k, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 (JAX/2 A-14)
Id-Danimarka	5 457	(1)(3)	TAC analitika Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	4 258	(1)(2)(3)		
Spanja	5 808	(3)(5)		
Franza	2 191	(1)(2)(3)(5)		
L-Irlanda	14 181	(1)(3)		
In-Netherlands	17 085	(1)(2)(3)		
Il-Portugall	559	(3)(5)		
L-Iżvezja	540	(1)(3)		
L-Unjoni	50 079	(3)		
Il-Gżejjer Faeroe	1 280	(4)		
Ir-Renju Unit	5 135	(1)(2)(3)		
TAC	56 494			

(1) Kondizzjoni speċjali: sa 5 % minn din il-kwota li tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 2a jew taż-żona 4a qabel it-30 ta' Ġunju tista' tingħadd bħala kwota li nqabdet fil-kuntest tal-kwota għall-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4b, 4c u 7d (JAX/*2A4AC).

(2) Kondizzjoni speċjali: sa 5 % minn din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 7d (JAX/*07D.). Skont din il-kondizzjoni speċjali, u f'konformità man-nota 3 f'qiegħ il-paġna, il-qabdiet inċidentali tal-minfaħ u tal-merlangu għandhom jiġu rrappurtati b'mod separat b'dan il-kodiċi: (OTH/*07D.).

(3) Sa 5 % mill-kwota tista' tkun qabdiet inċidentali tal-minfaħ, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu u tal-kavall (OTH/*2 A-14). Flimkien, il-qabdiet inċidentali tal-minfaħ, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu u tal-kavall li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet inċidentali ta' dawk l-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu d-9 % tal-kwota.

(4) Din il-kwota hija limitata għaż-żoni 4a, 6a (il-parti li tinsab fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N biss), 7e, 7f u 7 h.

(5) Kondizzjoni speċjali: sa 80 % minn din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 8c (JAX/*08C2). Skont din il-kondizzjoni speċjali, u f'konformità man-nota 3 f'qiegħ il-paġna, il-qabdiet inċidentali tal-minfaħ u tal-merlangu għandhom jiġu rrappurtati b'mod separat b'dan il-kodiċi: (OTH/*08C2)."

PARTI C

L-Anness IB għar-Regolament (UE) 2021/92 huwa emendat kif ġej:

(1) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa fl-ilmijiet tal-Unjoni, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringa Clupea harengus		Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni, dawk tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2 (HER/1/2-)
Il-Belġju	10	(1)	TAC analitika Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
Id-Danimarka	9 965	(1)		
Il-Ġermanja	1 745	(1)		
Spanja	33	(1)		
Franza	430	(1)		
L-Irlanda	2 580	(1)		
In-Netherlands	3 566	(1)		
Il-Polonja	504	(1)		
Il-Portugall	33	(1)		
Il-Finlandja	154	(1)		
L-Iżvezja	3 692	(1)		
L-Unjoni	22 713	(1)		
Ir-Renju Unit	6 371	(1)		
Il-Gżejjer Faeroe	5 950	(2)(3)		
In-Norveġja	26 175	(2)(4)		
TAC	446 755			

(1) Meta jiġu rrappurtati l-qabdiet lill-Kummissjoni, għandhom jiġu rrappurtati wkoll il-kwantitajiet li jkunu nqabdu f'kull waħda miż-żoni li ġejjin: iż-Żona Regolatorja tan-NEAFC u l-ilmijiet tal-Unjoni.

(2) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni fit-Tramuntana ta' 62° N.

(3) Jinqatgħu mil-limiti tal-qbid tal-Gżejjer Faeroe.

(4) Jinqatgħu mil-limiti tal-qbid tan-Norveġja.

Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt f'dawn iż-żoni:

l-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N u ż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen (HER/*2AJMN)

26 175

iż-żoni 2 u 5b fit-Tramuntana ta' 62° N (l-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe) (HER/*25B-F)

Il-Belġju	2	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament"
Id-Danimarka	2 040	
Il-Ġermanja	357	
Spanja	7	
Franza	88	
L-Irlanda	528	
In-Netherlands	729	

Il-Polonja	103
Il-Portugall	7
Il-Finlandja	31
L-Iżvezja	756
Ir-Renju Unit	1 303

(2) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Bakkaljaw Gadus morhua	Żona:	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 (COD/1N2AB.)
Il-Ġermanja	1 300	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament"	
Il-Greċja	161		
Spanja	1 450		
L-Irlanda	161		
Franza	1 194		
Il-Portugall	1 450		
L-Unjoni	5 716		
Ir-Renju Unit	5 044		
TAC	Mhux rilevanti		